**16 ta' Mejju, 1959**

**Imħallef :—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Carrie Camilleri

*versus*

John Aquilina

**Inġurja — "Animus Injuriandi".**

*L-istess indeterminatezza ta' kliem inġurjuż tista' tkun tali, skond il-mod kif wieħed ikun qalhom, li jagħtu x'wieħed jaħseb li hemm, potenzjalment, affarijiet li jistgħu jkunu*

*ta' ċerta gravità, li ma jingħadux, speċjalment meta huma indirizzati għal xebba.*

*Hu veru li, jekk persuna tkun ġustifikata li taħseb, għal raġunijiet tajba, li ħadd ieħor ikkommetta xi att għad-dannu tagħha, tista' tirrinfaċċjalu dak l-att, avvolja b'daqshekk ikun hemm imputazzjoni nġurjuża, basta li din issir bl-anqas pubbliċità possibbli. Ma hux neċessarju li l-att hekk rinfaċċjat ikun verament sar; basta l-persuna li tirrinfaċċjah lil ħadd ieħor taħseb in bwona fede li dak l-att ġie kommess. Però, jekk il-kwerelat jinnega li qal dawk il-kliem, hu jqiegħed ruħu fl-impossibbiltà li jkun intitolat għal dan il-prinċipju skriminanti; għaliex b'daqshekk mhux talli ma jipprova bl-ebda mod li hu seta' kien qed jaħseb raġjonevolment, fuq motivi plawsibbli, li l-kwerelanti kien għamel l-att lamentat, imma anzi juri, bil-fatt li jagħti versjoni tal-fatti inveritjera, li hu ma hux fi grad li jissostanzja dak li qal, sija pure billi juri almenu li kellu raġunijiet tajba biex jaħseb veru dak li kien qiegħed jgħid, anki jekk ma jippruvahx b'mod assolut.*

Il-Qorti:— Rat il-kwerela miġjuba mill-kwerelanti quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli f'dawn il-ġranet, il-Birgu, il-kwerelat inġurja lill-kwerelanti bil-kliem;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Frar 1959, li biha sabet lill-kwerelat ħati ta' inġurja vaga, u kkundannatu £2 ammenda u jħallas l-ispejjeż tal-kawża;

Rat ir-rikors tal-kwerelat, li bih appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat, bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Hu paċifiku bejn il-kontendenti li huma kienu jinnamraw ma' xulxin, u, għalkemm ma kienux għarajjes, però kienu jmorru għand il-familja ta' xulxin. Meta darba l-kwerelat naqas milli jmur, il-kwerelanti marret id-dar

tiegħu biex tistaqsieh ir-raġuni. Skond ix-xhieda tagħha u dik tax-xhud Brincat, il-kwerelat qalilha li ma setgħax ikompli "fuq li sema' fuqha u li kien għadu jisma", mentri, skond ix-xhieda tal-kwerelat, hu qalilha li ma kienx mar għax il-Ħadd ta' qabel kien sab il-bieb magħluq, u oħtha, meta niżlet tiftaħlu, kienet gergret;

Miż-żewġ versjonijiet, din il-Qorti, bħal il-Qorti tal-Ewwel Istanza, taċċetta dik tal-kwerelanti, tant għax aktar verosimili, kemm ukoll għax korroborata bix-xhieda ta' Brincat;

Issa, ma hemmx dubju li dawk il-kliem, għall-indirizz ta' xebba speċjalment, huma nġurjużi; u osserva sewwa l-Maġistrat in prim-istanza illi l-istess indeterminatezza tagħhom, kif espressa, hija tali li tagħti x'wieħed jaħseb li hemm, potenzjalment, affarijiet li ma ingħadux, li jistgħu jkunu ta' ċerta gravità;

Id-difiża ssottomettiet, però, illi l-okkażjoni li fiha ntqal id-diskors kienet tali li teskludi l-animu tal-inġurja;

Issa, hu veru li, jekk persuna tkun ġustifikata li taħseb, għal raġunijiet tajba, li ħadd ieħor ikkommetta xi att għad-dannu tagħha, tista' tirrinfaċċjalu dak l-att, avvolja b'daqshekk ikun hemm imputazzjoni nġurjuża, basta dan isir bl-anqas publiċità possibbli. Ma hux neċessarju li l-att hekk rinfaċċjat ikun verament sar; basta l-persuna li tirrinfaċċjah lil ħadd ieħor tipprova li hi kellha raġunijiet tajba biex taħseb in bwona fede li dak l-att ġie kommess (ara, per analoġija, Appelli Kriminali "Mizzi vs. Camenzuli", 19. 11. 1827; "Micallef vs. Borg", 14. 3. 1931; "Farrugia vs. Zammit", 30. 10. 1937);

Issa, kwantu għall-element tal-publiċità, fil-każ preżenti ma jidherx li wieħed jista' jinkolpa lill-kwerelat minħabba li dak il-ħin kien hemm Brincat. Dan, infatti, ħaditu magħha l-istess kwerelanti; hu kuġin tagħha, joqgħod mal-familja tagħha, u, peress li d-dar tal-kwerelat hi daqsxejn imwarrba, ommha dehrilha li tibgħatu magħha biex iwennisha. Lanqas jidher li wieħed jista' jagħti tort lill-kwere-

lat għaliex fid-dar tiegħu, isfel fil-kantina, fejn jistgħu jisimgħu, kien hemm ħuħ u ommu; għaliex lil ħuħ, x'ħin dan kien għadu fuq, il-kwerelat stess bagħtu isfel, u bilfors kellu jsir ġewwa d-diskors, għax altrimenti, barra mid-dar, kien ikun hemm aktar divulgazzjoni. Għalhekk, minn dan il-"punto di vista", ma jidherx li l-kwerelat fittex malizzjożament xi publiċità żejda, jew li b'ċerta nkurja riprovevoli ma tax kont jekk kienx hemm nies jew le;

Però, il-kwerelat, bil-fatt li nnega li qal dawk il-kliem, qiegħed ruħu fl-impossibbiltà li jkun intitolat għall-prinċipju skriminanti fuq enunċjat; għaliex b'daqshekk mhux talli ma pprova bl-ebda mod li hu seta' kien qed jaħseb raġjonevolment, fuq motivi plawsibbli, li l-kwerelanti kienet għamlet xi att ta' nfedeltà lejgħ, imma anzi wera, bil-fatt li ta versjoni tal-fatti inveritjera, li hu ma kienx fi grad li jissostanzaja dak li qal, sija pure billi juri almenu li kellu raġunijiet tajba biex jaħseb veru dak li kien qiegħed jgħid, anki jekk ma jippruvaħx b'mod assolut. Il-Qorti, għalhekk, ma tistax tgħid li l-kwerelat onestament kien jaħseb veru dak li asserixxa għad-dannu tal-kwerelanti, u għalhekk jonqos wieħed mil-postulati fondamentali għall-applikabbilità tal-prinċipju dirimenti kif fuq affermat mill-ġurisprudenza ċitata;

Għal dawn ir-raġunijiet, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-kwerelat appellant, li jibqgħu tassati "uti infra"; 10s. għal kull waħda mis-seduta tal-11 ta' April 1959 u dik tal-lum, u 12s. għal dik tal-25 ta' April 1959.